MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 160/2009

**A B C**

**-vs-**

**D C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B C, fejn din wara li ppremettiet:

Illi r-rikorrenti A B C nee' B u l-intimat D C zzewgu fl-20 ta' Ottubru, tas-sena elfejn u sebgha (2007) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. CSM1;

Illi l-kunsens tar-rikorrenti nkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi tul il-konvivenza qasira taghhom, il-partijiet eskludew il-possibilita' u l-prolazzjoni ta' l-ulied;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi;

Ghaldaqstant, jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet ta' l-ghoxrin (20) t'Ottubru, tas-sena elfejn u sebgha (2007) fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-artikoli 19 (c), 19 (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' D C fejn dan eccepixxa:

Illi l-intimat jaqbel li z-zwieg ikkontrattat nhar l-20 ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (2007) bejn il-partijiet fl-ismijiet premessi huwa null u bla effett skond il-ligi izda dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lir-rikorrenti, u dan kif ser jigi provat fil-mori tal-kawza u ghaldaqstant l-intimat ma ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Il-Qorti tibda biex ittenni dak li dawn il-Qrati dejjem irritenew fl-ambitu ta’ kawzi ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ ta’ zwieg. Fis-sentenza “**Anna Tonna vs Alexander Tonna**”, din il-Qorti diversament presjeduta (deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991), espressament iddikjarat illi:

“F’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabbilta’ ta’ xi kollizjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullamnet tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawza li ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju”.

Ukoll, fis-sentenza “**Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia**” (deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-28 ta’ Lulju, 1987), gie ribadit:

“Illi z-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta’ u bla dubju ta’ xejn huwa ta’ ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss”.”

Fid-dawl ta’ dan l-insenjament, ghalhekk, il-Qorti tghaddi biex tezamina l-fatti tal-kaz quddiemha u tqis jekk jezistix xi wiehed jew aktar mill-capita nullitatis li qed tinvoka l-attrici.

Jirrizulta mill-provi prodotti li z-zwieg tal-partijiet sehh wara gherusija ta’ certa durata u tfarrak ftit biss wara. Jirrizulta mill-provi prodotti li fir-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet, l-attrici assumiet rwol tal-organizzatur u refghet ir-responsabbiltajiet tar-relazzjoni kollha kemm huma

wahedha ghaliex l-gharus jew ma riedx jew ma kienx jaf jerfa’ l-piz maghha. Kienet il-konvenuta li habirket biex ikollhom fejn joqoghdu u biex jorganizzaw it-tieg. Il-konvenut sab sitwazzjoni komda u baqa’ jghabbi fuqha. F’mumenti qabel iz-zwieg, l-attrici gieha d-dubbju jekk hijiex ser taghmel pass ghaqli, tant kien ga’ ovvju fejn sejra r-relazzjoni. Pero’ baqghet ghaddejja saz-zwieg ghal diversi ragunijiet. Hi tghid li kienet tithassar lilu ghax kien bla omm. Imbaghad, waqt il-preparamenti ghat-tieg, ghadda mit-trawma li jara lil huh marid serjament (fil-fatt dan miet ftit wara t-tieg tal-partijiet). Id-dubbji lill-attrici kienu jiffurmaw wara li tara l-attitudni irrisponsabbli ghall-ahhar tal-konvenut.

Hi tixhed illi:

“F’kull argument li kien ikollna, kliemi kien dejjem ikun l-istess, jigifieri li “ma niflahx ghal aktar responsabbiltajiet”.

Ghar-rigward tal-mument tac-cerimonja taz-zwieg, l-attrici tghid hekk:

“Bdew ghaddejjin hafna hsibijiet minn mohhi anke dwar in-nuqqas ta’ passjoni bejnietna u dwar il-fatt li ma kontx qieghda nara lil D bhala r-ragel li mieghu stajt inrabbi familja izda fl-istess hin is-sacerdot kien qieghed jistaqsina mistoqsijiet fuq it-tfal u ghidtlu iva ghaliex ma stajtx naqbad u nohrog nigri mill-knisja (ghalkemm dan il-hsieb ghaddieli u xtaqt naghmlu). Fi ftit kliem aktar ma s-sacerdot beda jkellimna fuq il-commitment u fuq ir-rispett u mhabba ta’ bejnietna aktar komplejt nikkonferma kemm konna qeghdin naghmlu zball u kemm din ma kinitx it-triq ghalina izda kif diga’ ghidt, issa kien tard wisq u ghalhekk, ghalkemm minn gewwa kont qieghda niffrustra ruhi u nghid ‘le’ ghal kull mistoqsija, ghidt ‘iva’. Kif hrigt mill-knisja, l-ewwel haga li ghamilt kienet li nqabbad sigarett u hadt nifs twil ghax kont naf li dan kien zball kbir. La tajt kaz li kont liebsa l-libsa tat-tieg u li stajt nidher kerha bis-sigarett f’idi u lanqas tajt kaz tal-fatt li missieri prova jigbidli l-attenzjoni ghax dak il-hin ma bdejt nara u nhoss xejn hlief dwejjaq u guilt. F’qalbi ghidt, “issa zgur ghaffigtha”.

L-attitudni tal-konvenut lanqas ma nbidlet wara l-gurnata tat-tieg. Baqa' mohhu fil-hbieb u l-playstation.

"Malli kont nasal id-dar wara x-xoghol kont insib dizastru shih id-dar, sahansitra kalzetti fuq il-bank tal-kcina. Apparti minn hekk, aktar iva milli le, x'hin kont nasal id-dar kont insib lil D jilghab bil-playstation jew kien igib lil shabu d-dar biex jilaghbu l-karti jew il-playstation u jixorbu l-birra flimkien u x'hin kont nerga' nirritorna d-dar wara l-part-time kont insibu ghadu jilghab fuq il-playstation", u wkoll il-kazin.

"Ghal D kollox kien cajta, anke jekk jaghmel zball kbir".

Fix-xhieda tieghu, il-konvenut jipprova jiggustifika l-attitudni tieghu meta jghid:

"Nghid izda li jien kont inkun hekk ghaliex tant ghaddejt minn affarijiet fil-hajja fosthom il-mewt ta' ommi li ddecidejt li inutli li l-hajja tehodha mod iehor. Kien ghalhekk li jien din l-attitudni qatt ma qbilt li hija xi wahda hazina u nikkonferma li qatt ma biddiltha".

Sinjifikattiva ukoll id-dikjarazzjoni tieghu:

"Kont nirraguna li kieku riedet titlaqni kienet vera titlaqni u mhux tghidli biss".

Meta qieset ix-xhieda kollha, il-Qorti waslet ghall-fehma li l-konvenut f'din il-kawza kien soggett ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u d-dmirijiet essenzjali taghha a tenur tal-Art. 19.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-20 ta' Ottubru 2007 huwa null u bla effett.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------